MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2003

Numru 446/1999

**Il-Pulizija**
**Spettur Maurice Curmi**

v

**SANDRO MALLIA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **SANDRO MALLIA** ta' tlieta w tletin sena bin Peter Paul u Mary nee Agius, imwieled H'Attard nhar s-sbatax ta' Mejju 1966 u joqghod "Begonia", Triq Pitkali, H'Attard, detentur tal-karta tal-identita` numru 215766M, gie imressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer f'dawn l-ahhar snin b'diversi atti maghmulin wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda:

1. f'Genoa, l-Italja, f'April 1998, ikkommetta serq ta' tilt trailer bin-numru ta' registrazzjoni Belgjan UAG 500 ghad-detriment ta' Tristar Freight Services Limited, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin u bix-xorta tal-haga misruqa;
2. talli f'Lulju 1998 u fix-xhur ta' qabel, xjentement f'Malta laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex jbieghhom jew imexxihom u cioe ta' tilt trailer bin-numru ta' registrazzjoni Belgjan UAG 500 ta' valur li jeccedi l-elf lira maltin ghad-detriment ta' Tristar Freight Services Limited;
3. talli fl-istess zmien u cirkostanzi sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih nnifsui jew ghal haddiehor f'xi dokument mahseb ghal xi awtorita pubblika xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz billi wahhal sett ta' number plates foloz [TR 268] fuq l-imsemmi tilt trailer bin-numru ta' registrazzjoni Belgjan UAG 500; u
4. talli fl-istess zmien u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni jew ghamel uzu minn dokument iehor ffalsifikat billi uza sett ta' number plates foloz [TR 268] fuq trailer iehor [numru ta' registrazzjoni Belgjan UAG 500].

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond l-ligi tordna lil imputat sabiex jhallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti.

Rat l-atti kollha processwali partikolarment d-digriet moghti minn din il-Qorti nhar t-tnejn u ghoxrin ta' Frar 2000 fejn kienet iddikjarat li ma kienx hemm bizzejjed provi sabiex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza dwar l-ewwel, t-tielet w r-raba akkuza u ghalhekk kienet illiberatu minnhom u li kienet ordnat li l-imputat jitpogga taht att ta' akkuza limitatament dwar l-akkuza ta' ricettazzjoni ai termini tal-artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi dan nonostante, l-Avukat Generali ghogbu jibghat l-artikoli li jinsabu esibiti fl-atti processwali odjerni a fol 86 datati tnejn u ghoxrin ta' Gunju 2001 dwar l-akkuzi kollha li originarjament l-imputat kien akkuzat bihom.

Illi l-Qorti rat li l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex jigi gudikat minn din il-Qorti kif jirrizulta mill-verbal tal-Qorti datat wiehed u ghoxrin ta' Ottubru 2003, wara li gew moqrija l-artikoli.

Rat li l-partijiet irrimettew ruhhom ghall-atti processwali w id-Difiza ghamlet wkoll referenza ghan-nota minnha presentata fl-atti nhar s-sebgha ta' Mejju 2002 kif jirrizulta a fol 107 tal-atti odjerni.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti sejra biss tikkonsidra l-akkuza ta' ricettazzjoni ta' tilt trailer bin-numru ta' registrazzjoni Belgjan UAG 500, li ma jeccedix l-elf lira maltin ghad-detriment ta' Tristar Freight Services Limited.

Nhar t-tnax ta' Settembru 2000 **xehed l-Ufficjal Investigattiv l-Ispettur Maurice Curmi** li stqarr li fl-erbatax ta' Lulju 1988 certu Mark Anastasi, direttur tas-socjeta Malta Tristar Freight Services kien informa lil Pulizija Ezekuttiva li fil-hdax ta' Settembru 2000 ghall-habta tat-tlieta ta' wara nofsinhar wiehed mill-impjegati tieghu kien ra trailer ipparkjat f'Ta Kandja, vicin panel beater u kien allegatament l-istess trailer li gie rappurtat nieqes mill-kumpanija Tristar Freight Services Limited f'Genoa l-Italja nhar t-tletin ta' April 1998.

Minn investigazzjoni maghmula mill-Pulizija rrizulta li t-trailer igib in-numru ta' registrazzjoni lokali ta' TR 268 u li n-numru Belgjan originali tieghu kien UAG 500 u dan kien gie mnehhi. Ghalkemm minn investigazzjoni aktar intensiva rrizulta li n-numru tac-chassis tat-trailer kien ghadu intatt u kien jikkorrispondi ma dak tar-registrazzjoni Belgjana li kienu gew infurmati bihom mid-direttur tal-istess soecjeta fuq imsemmija, u dan kien jaqra XLD3142DS00033229. F'dan l-istadju l-Pulizija elevat t-trailer.

L-ewwel ma gie mitkellem kien Joseph Farrugia li huwa l-panel beater li vicin tieghu kien ipparkjat t-trailer in

kwistjoni u minn dak li qallu l-Ufficjal Investigattiv, dan Joseph Farrugia qallu li certu Sandro Mallia minn Haz Zebbug kien hadulu biex jaghmel xi tiswijiet fuqu.

L-imputat gie nterrogat mill-Ispettur u cahad li huwa kien seraq xi trailer pero dwar dak t-trailer in kwistjoni spjiega li xi hadd, li ma kienx jaf ismu, kien hadulu sabiex jghamillu xi tiswijiet fuqu pero peress li dak ix-xoghol li kellu jsir ma kienx ta' idejh, hadulu ghand il-panel beater f'Ta' Kandja. Sandro Mallia kien qallu li talli hadulu hemm thallas ghaxar liri maltin minghandu.

L-Ispettur pero kompla jghid li Joseph Farrugia kien ikkonferma li kien Sandro Mallia li hadulu hemm u talbu jaghmel xi tiswijiet fuqu xi tlett gimgha qabel ma ngabar mill-Pulizija u li xi tlett ijiem qabel ma marru l-Pulizija l-istess Sandro Mallia kien cempillu dwaru u allegatament qallu x'kellu jaghmel u staqsih meta effettivment kellu jibda bix-x-xoghol.

**Mark Anastasi spjiega** li huwa l-Managing Director tas-socjeta Tristar Freight Services Limited u stqarr li t-trailer in kwistjoni kien gie mikri mill-agent tieghu l-Belgju TIP Trailer Rental, dan jigi Malta jhottuh u jerga imur lura vojt u meta ntbaghat lura Genoa dan ma nstabx. Qal li darba, gurnata fost l-ohrajn, kien ghaddej minn Ta Kandja, u gharaf t-trailer tieghu billi ra li n-numru tac-chassis kien jaqbel perfettament ma dak indikat fuq l-log book tieghu u b'hekk irrapporta l-kaz lil Pulizija. Stranament pero, fl-ebda stadju ma ppresenta xi dokumentazzjoni dwar dan it-trailer ghal xi verifiki.

**Joseph Farrugia stqarr** li huwa direttur tas-socjeta Kandia Commercials Limited u fost xoghol iehor jaghmlu xoghol ta' tiswijiet fuq vetturi kummpercjali. Huwa kkonferma li jaf lil imputat peress li ghamillu xi xoghol ta' tiswija fuq xi trailers u truck.

Mistoqsi jekk jafx xi haga dwar t-trailer esibit fil-proceduri u cioe dak muri fid-dokument R6, ix-xhud wiegeb li kien cempillu xi hadd Sandro, u qallu li kellu trailer ghat-tiswija. Sussegwentement kien mar xi driver bih u hallih ipparkjat

barra sabiex wara li jaghmel spazju fil-garaxx jibda bit-tiswijiet.

Ix-xhud pero bil-gurament tieghu qal li l-imputat qatt ma kellmu fuq dan it-trailer. [vide fol 33 tal-atti odjerni]

**Brian Farrugia xehed** ghan-nom w in rappresentanza tad-Direttur tal-Licenzji u minn verifiki li ghamel rrizulta li t-treailer bin-numru TR 268 kien qieghed registrat f'isem Frigo Trans Limited ta' International Transport ta' Marjoe, Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar. Id-Direttur ta' din is-socjeta huwa certu Sandro Mallia bil-karta tal-identita numru 215766M. Ic-chassis number tieghu huwa VFNS323LHFOTB713. Huwa kkonferma li qabel ma gie registrat dan it-trailer, inspection fuqu ma saritx pero nghata pjanca li taqra TR 268.

Illi l-Qorti kienet innominat lil espert tekniku Joseph Zammit b'digriet taghha tat-tlettax ta' Novembru 2000 sabiex jaghmel stima u osservazzjonijiet bil-miktub dwar t-trailer esibit.

Illi nhar t-tlieta w ghoxrin ta' April 2001 l-espert tekniku Joseph Zammit zamm access f'Ta Kandja u ezamina t-trailer li gie identifikat li huwa tal-ghamla Bacat u bin-numru esteru TIR 268. Dan t-trailer instab bic-chassis number tieghu, dak originali u minghajr ebda tbaghbis fuqu, li kien jaqra **XLD3142DS00033229**

L-imputat irrilaxxja stqarrija nhar l-hdax ta' Dicembru 1998, fejn spjiega kif darba minnhom giet fuqu persuna u talbitu sabiex jaghmel xi tiswijiet fuq t-trailer esibit fl-atti. Huwa wiegbu li tiswijiet ma jghmlux u ghalhekk gie mitlub jekk kienx jaf min jaghmel tiswijiet u wiegbu li kien jaf diversi pero ftehmu li jehodulu Ta' Kandja u fil-att l-ghada hadulu u thallas ghaxar liri maltin. Huwa ma tkellimx mal-panel beater izda qallu li kellu jigi wiehed biex jghidlu x'kellu isir fih.

Illi meta xehed l-Qorti nhar t-tnax ta' Frar 2002 l-imputat ikkonferma li xoghol fuq trailers ta' terzi ma jaghmilx. Huwa kkonferma li ghandu trailer bin-numru TR 268

mahrug mid-Dipartiment tal-Licenzji. Mistoqsi jekk t-trailer li ha Ta' Kandja kellux dan l-istess numru mwahhal fuqu bi sticker, l-imputat wiegeb fin-negattiv u qal li kien cert mija fil-mija. Spjiega li sabiex garr dak t-trailer kellu jhares lura u ghalhekk kieku in-numru kien hemmhekk meta garru, kien jarah. L-imputat wiegeb li t-trailer li gabret il-Pulizija **qatt ma gie muri lilu**. [vide fol 96 tal-atti] Mistoqsi jekk qatt qala xi pjanci tat-tmien trailers li ghandu u wzahom fuq trailers ohra l-imputat wiegeb b'mod kategoriku fin-negattiv u qal li tant ma kien x minnu li l-Pulizija setghu jmorru u jaraw kemm kienu qodma ir-rivots. Mistoqsi x'kien id-diskors bejnu u bejn il-panel beater, huwa qal li qallu li kellu jigi xi hadd biex jghidlu x'kellu isir fuq it-trailer ghax dak ma kienx tieghu.

**Konsiderazzjonijiet**

Illi kif gie enuncjat fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tmienja ta' Mejju 1937*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Filippo Fenech**, biex jinghad li l-akkuza ta' ricettazzjoni tigi ppruvata hemm bzonn li jirrizultaw:

a. illi l-oggetti li jkunu msemmija fil-kaz ikunu gejjin mill-kommissjoni ta' reat;
b. illi l-akkuzat ikun jew irricetta jew xtara dawn l-oggetti [l-elementi materjali];
[Biex ikun hemm dan l-element hemm bzonn li l-prezunt ricettatur ikun ghamel xi haga li biha b'xi mod ikun ikkopera ruhu biex jigi ezitut jew mibjugh l-oggetti misruq jew ottenut permezz ta' reat. Jekk l-atti tieghu ma jurux li kien hemm dik l-intromissjoni da parti tieghu biex b'xi mod jigi facilitat l-okkultament tal-oggett misruq jew illegalment ottenut, dan it-tieni element ma jirrikorrix u ma hemmx ricettazzjoni [vide **Il-Pulizija v Joseph Bugelli** ***deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Jan nar 1941***]}

c. illi l-imputat kien jaf li l-oggetti kien gej min provenjenza illegittima.

Issa, kwantu ghax-xjenza tal-provenjenza illegittima, dan l-element [li huwa d-dolo specifiku tad-delitt ta' ricettazzjoni] jista jigi dezunt mic-cirkostanzi kollha tal-kaz u minn jircievi l-oggett, jkollu suspett anzi ikun jahseb li l-persuna li taghtu dak l-oggetti minghajr ma taghmel xejn biex taccerta li l-pussess ta' dik il-persuna l-ohra kien legittimu u mhux kif kienet tahseb hi, allura hemm l-element tas-scientia rikjesta ghal integrazzjoni tar-reat ta' ricettazjoni. [vide **Il-Pulizija v John Dimech** ***deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-erbgha w ghoxrint a' Gunju 1961***].

Issa ghalhekk minn ezami tas-suespost, jirrizulta li r-ricettatur irid jakkwista u jkun jaf li dak l-oggett gej minn serq jew xi attivita llegali ohra jew setgha ragjonevolment jissuspetta li kellu l-origni tieghu hekk u dan minn diversi cirkostanzi li huma ta' natura suspettuza bhal per ezempju prezz irrizarju, transazzjoni fl-imwarrab u fid-dlam u bil-mohbi tal-pubbliku, bejjiegh mhux maghruf u cirkostanzi ohra simili li bilfors jqajjmu suspett regjonevoli li f'dak in-negozju hemm xi haga mhux normali. [vide **Il-Pulizija v Carmel sive Charlie Farrugia** ***deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-wiehed u tletin ta' Lulju 1998***]

Issa, fil-fehma tal-Qorti, jirrizulta li hemm hafna nuqqasijiet f'dan l-kaz.

Fl-ewwel lok ma jirrizultax ghas-sodisfazzjon tal-Qorti illi t-trailer li nstab mill-Pulizija gej minn xi attivita kriminali u dan ghaliex fl-ewwel lok mix-xhieda ta' Mark Anastasi ma jirrizultax meta nsteraq dan t-trailer u meta gie rappurat hekk, jekk gie; la hemm r-rapport tas-Sea Malta li suppost garrilu; la hemm r-rapport tal-Pulizija; la l-claim tal-insurance; ma hemm xejn. Kull ma hemm huwa xi fax li mhux awtentikata bhala fotokopja mill-Polizia di Stato ta' Genoa, pero l-kontenut ta' dan d-dokument huwa indecifribbli u ghalhekk l-ewwel element tar-reat ma giex ppruvat sodisfacentement.

Dwar t-tieni element u cioe r-ricettazzjoni tal-oggett f'idejn l-imputat wkoll ma gietx ppruvat b'mod sodisfacenti ghaliex fl-ewwel lok ma jirrizultax li t-trailer esibit fl-atti

huwa l-istess trailer li l-imputat saq, ghaliex l-imputat qatt ma gie muri t-trailer li l-Pulizija elevat minn Ta Kandja, mhux fil-presenza tieghu.

Illi huwa qal li t-trailer li garr ma kellux l-pjanca tan-numri tieghu fuqu w in oltre huwa stqarr li kull ma ghamel kien li saq trailer.

Minn imkien ma jirrizulta li t-trailer li ha ghand il-panel beater kien tieghu, li kien xtrah jew akkwistah.

Il-panel beater stess li rcieva l-oggett ikkonferma li huwa qatt ma tkellem ma l-imputat fuq dan l-oggett.

Illi dwar t-tielet element, u cioe x-xjenza rikjesta ghal dan r-reat, dan zgur ma jirrizultax ghaliex transazzjoni fip-fatt qatt ma saret u ma jirrizultax sodisfacentement li fil-fatt l-imputat kien ir-ricettatur tieghu fis-sens li kien akkwistah taht kwalsiasi titolu.

**Ghalhekk, l-Qorti wara li rat l-artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li ma ssibx lil imputat SANDRO MALLIA hati tal-akkuza u tilliberah minnha.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------